

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2007/2002(INI)

13.9.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar is-Sitwazzjoni tar-Relazzjonijiet UE-Afrika
(2007/2002(INI))

Rapporteur: Michel Rocard

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jitlob lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Afrikani jinsabu f'sitwazzjoni gravi ħafna, u li l-komunità internazzjonali tirreaġixxi b'wisq moderazzjoni;
2. Jiddispaċih li fil-livell internazzjonali u wkoll fil-midja għad hemm spiss indifferenza fir-rigward tal-konflitti fl-Afrika; jinnota għalhekk b'sodisfazzjon li, fl-2005, l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet l-iżvilupp fl-Afrika bħala prijorità u li l-Kunsill impenja ruħu li sa l-2015 mill-inqas 0.7% tal-GDP jintuża bħala għajnuna għall-iżvilupp; għandu l-intenzjoni li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan l-impenn;
3. Jitlob li jittieħdu miżuri deċiżi u li tiġi introdotta sistema effettiva ta' sanzjonijiet internazzjonali sabiex tispiċċa l-impunità fir-reġjun kif ukoll jispiċċaw il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-liġi internazzjonali fir-rigward tal-konflitti armati; sistema bħal din għandha tikkontrolla l-attakki kontra l-popolazzjonijiet ċivili, it-truppi tal-paċi u l-membri ta' organizzazzjonijiet umanitarji;
4. Jikkunsidra li hija illużjoni li wieħed jaħseb li s-soluzzjoni għall-iżvilupp tal-kontinent hija l-aċċess ta' prodotti Afrikani għas-swieq dinjija; Huwa għalhekk tal-fehma li protezzjoni proviżorja u settorjali tal-produzzjoni Afrikana f'ċerti setturi tista' tkun ta' importanza deċiżiva għat-tkabbir ekonomiku fil-livell nazzjonali u lokali; huwa ta' l-opinjoni, madankollu, li l-oġettiv li għandu jitlaħaq huwa l-ftuħ u l-bidla fl-istruttura tal-kummerċ;
5. Jirrikonoxxi li impenn aktar qawwi fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali huwa element essenzjali ta' l-istrateġija ta' żvilupp għall-Afrika, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millennju, filwaqt li għandhom jiġu rispettati l-partikolaritajiet reġjonali speċifiċi;
6. Jitlob, b'enfasi, għat-tneħħija tas-sussidji kollha li jfixklu l-kompetizzjoni għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, sabiex l-Afrika jkollha possibiltà akbar li tiżviluppa l-potenzjal kummerċjali sħiħ tagħha; jitlob lill-Ewropa bil-qawwa kollha biex tkompli fl-isforzi tagħha biex tneħħi b'mod sistematiku l-barrieri tat-tariffi għall-protezzjoni tas-swieq tagħha;
7. Jenfasizza li l-liberalizzazzjoni tikkostitwixxi wieħed mill-iktar inċentivi effettivi għat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll għall-progress politiku u soċjali; iqis li dan huwa indispensabbli biex jitnaqqas il-faqar u huwa katalist importanti għal żvilupp dinji sostenibbli;
8. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lid-delegazzjonijiet ta' l-UE biex b'mod partikulari joqogħdu attenti u biex iwissu lill-popli f'ħin utli dwar sitwazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'tensjonijiet etniċi, reliġjużi u lingwistiċi fil-kontinent;
9. Huwa tal-fehma li għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet aktar ħarxa fil-kodiċi

attwali ta' l-UE dwar l-imġiba rigward il-kummerċ illegali ta' l-armi, sabiex jitwaqqaf it-tixrid ta' armi żgħar u ħfief, li jkompli jwassal għal konflitti mdemmija f'bosta pajjiżi tan-nofsinar;

10. Jinsisti fuq il-fatt illi d-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet tal-Bniedem ma jistgħux isiru realtà bl-ebda mod ħlief bil-prattika, li hija essenzjali biex tiġi konsolidata kultura politika soda u sostenibbli; jenfasizza għalhekk li l-kondizzjonalità ta' l-għajnuna internazzjonali għandha l-ewwelnett tkun ibbażata fuq **amministrazzjoni tajba**, sigurtà taċ-ċittadini, libertà ta' l-espressjoni, libertà ta' l-istampa, indipendenza tal-poter ġudizzjarju u sorveljanza tal-pulizija min-naħa tal-poter ġudizzjarju;
11. Jafferma illi l-ħolqien ta' negozji żgħar huwa l-element prinċipali għall-iżvilupp tal-kontinent; iqis lis-sistema tal-mikrokrediti bħala mezz utli ta' appoġġ għall-mikronegozji kif ukoll għall-konsum; huwa ta' l-opinjoni li l-mikrokrediti għandhom jintużaw b'mod iktar wiesa' sabiex jiġi inkoraġġut il-ħolqien ta' networks wesgħin ta' negozji żgħar;
12. Jenfasizza f'dan il-kuntest li t-tiżiħ tal-kummerċ f'ħdan in-nofsinar stess, il-promozzjoni ta' l-integrazzjoni reġjonali kif ukoll investment aktar qawwi minn investituri Afrikani u mhux Afrikani huma ta' importanza essenzjali; għalhekk jenfasizza l-bżonn ta' appoġġ tekniku aktar qawwi għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' l-Afrika għal produzzjoni ta' varjetà wiesgħa ta' prodotti u ta' forniment ta' servizzi;
13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tillimitax id-djalogu politiku għal-livell governattiv biss, iżda biex tinvolvi wkoll lill-parlamenti u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
14. Jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni reġjonali għas-sigurtà, l-iżvilupp ekonomiku u l-istabilità politika; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tippromwovi l-koperazzjoni reġjonali u li l-Unjoni Afrikana jistħoqqilha rwol importanti f'dan il-proċess.

PROCĊEDURA

Titolu	Sitwazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika	
Numru tal-proċedura	2007/2002(INI)	
Kumitat responsabbli	DEVE	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-sessjoni	AFET 18/1/2007	
Koperazzjoni iktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-sessjoni		
Rapporteur Data tal-ħatra	Michel Rocard 27/2/2007	
Rapporteur preċedenti		
Diskuss fil-kumitat	5/6/2007	11/9/2007
Data ta' l-adozzjoni	12/9/2007	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 5 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vittorio Agnoletto, Roberta Alma Anastase, Robert Atkins, Christopher Beazley, Angelika Beer, Bastiaan Belder, Monika Beňová, André Brie, Cristian Silviu Buşoi, Santos, Marco Cappato, Véronique De Keyser, Hanna Foltyn-Kubicka, Michael Gahler, Jas Gawronski, Alfred Gomolka, Klaus Hänsch, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Metin Kazak, Vytautas Landsbergis, Francisco José Millán Mon, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Tobias Pflüger, João de Deus Pinheiro, Hubert Pirker, Samuli Pohjamo, Michel Rocard, Raúl Romeva i Rueda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, István Szent-Iványi, Antonio Tajani, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Jan Marinus Wiersma, Josef Zieleniec	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiene, Alexandra Dobolyi, Carlo Fatuzzo, Milan Horáček, Anneli Jäätteenmäki, Tunne Kelam, Jaromír Kohlíček, Erik Meijer, Nickolay Mladenov, Rihards Pīks, Aloyzas Sakalas	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali (skond ir-Regola 178(2))	Eduard Raul Hellvig, Bilyana Ilieva Raeva	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	